# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Mejju 2002**

**Numru**

**Citaz. Nru. 673/89DS**

Albert Rizzo
vs
(1) Felix Agius, u (2) Harold Walls

Illum, 30 ta' Mejju 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-27 ta' Gunju 1989 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi l-konvenut Felix Agius bhala editur u l-konvenut Harold Walls bhala stampatur tal-gurnal "l-Orizzont" permezz tal-kitba "Min ipprovoka l-vjolenza?", iippublikata fl-ewwel, it-tieni u t-tielet faccati tal-harga ta' dan il-gurnal ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Gunju 1989, li qeghda tigi esebita kopja bhala Dok. "A", taw malafma lill-attur billi attribwewlu fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu jew li jesponuh ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku.

Illi l-attur bhala parti offiza ghandu dritt ghad-danni kontemplati fil-ligi ta' l-istampa.

talab li din il-Qorti:

1. tiddikjara illi l-konvenuti taw malafama lill-attur bl-istampar fuq imsemmi, li ghandu l-iskop li jtellef jew inaqqas l-istima tieghu mal-pubbliku;

2. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur dik is-somma li dina l-Qorti tiddetermina f'ammont li ma jeccedix l-elfejn lira (Lm2,000) bhala danni u riparazzjoni tal-ingurja morali u malafama li huwa sofra bil-kitba fuq imsemmija.

Bl-imghax u l-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn qalu:

1. Illi huma m'humiex hatja ta' ebda ingurja versu l-attur.

2. Illi Harold Walls ma qarax il-kitba qabel stampata.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-15 ta’ Novembru 1989 li permezz tieghu gie nominat l-assistent gudizzjarju Dr. Saviour Demicoli biex jirrelata;

Rat id-digriet ta’ l-24 ta’ Novembru 1993 li permezz tieghu ghall-imsemmi assistent gudizzjarju giet sostitwita Dr. M’Dolores Gauci;

Rat il-verbali kollha tax-xhieda, l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

**Il-Provi**

Din il-kawza tirreferi ghal artikolu li deher fil-harga tal-gazzetta *l-orizzont* tas-6 ta’ Gunju 1989 in konnessjoni ma’ incidenti li graw iz-Zejtun fit-2 ta’ Gunju 1989 meta kellha tizzewweg certa Mary Abdilla fil-Knisja parrokkjali taz-Zejtun u li x-xhieda taghha kienu l-Prim Ministru Dr. Eddie Fenech Adami u l-Vici Prim Ministru Dr. Guido De Marco. Dan l-artikolu, taht it-titolu *“MIN IPPROVOKA L-VJOLENZA?”* jidher li jaghti dettalji dwar l-incidenti hin hin hekk kif graw. Izda l-attur, li jissemma f’dan l-artikolu, jilmenta li dan l-artikolu huwa malafamanti fil-konfront tieghu u jindika fix-xhieda tieghu l-partijiet relattivi:

(1) “7.30 p.m. – Waslet fil-Pjazza Range Rover gdida b’number plates ta’barra. Fuqha kien hemm Albert Rizzo u Louis Bartolo. Il-karozza giet misjuqa minn qalb il-folla b’certu arroganza. Ipparkjaw lejn in-naha t’isfel tal-Pjazza u marru

hadu posthom f'nofs il-bieb principali tal-Knisja. Dan kien il-hin ezatt li kellhom jaslu x-xhieda izda baqghu ma tfaccawx."

Jirrizulta li l-vettura in kwistjoni kienet ta' Louis Bartolo. L-attur xehed li hu u Bartolo kienu marru z-Zejtun peress li kienu mistidnin ghat-tieg. Huwa cahad li kien hemm arroganza fis-sewqan jew mod iehor min-naha taghhom, u li lanqas kien fizikament possibbli li wiehed isuq b'arroganza stante li kien hemm in-nies f'nofs ta' triq. Fil-fatt jispjega li meta waslu z-Zejtun ghall-habta tas-6.30 p.m. kien hemm folla ta' bejn mitejn u tliet mitt ruh u kien hemm nies f'nofs it-triq, ghalhekk wiehed bilfors kellu jsuq bil-mod. Barra minn dan x'hin waslu vicin il-Knisja waqqafhom certu Alfred Desira maghruf bhala "l-Indjan" li huma kienu jafuh u li mar ikellimhom bhala hbieb. Imbaghad marru jipparkjaw hdejn il-Knisja.

(2) "7.45 p.m. – Il-folla bdiet toggezzjona mal-Pulizija ghall-prezenza ta' Louis Bartolo fil-bieb tal-Knisja Parrokkjali. Xi nies telghu ghal Bartolo u anke ghal Rizzo biex izulu minn hemm. Kemm Bartolo u Rizzo dehru jaharbu ghal gol-Knisja. Pulizija bdew ighidu lin-nies biex jikkalmaw, li Bartolo u Rizzo kienu mistidnin, minkejja li kienu libsin T-Shirts u Jeans. Il-folla ghamlet reazzjoni u x'uhud marru jattakkaw il-karozza ta' Bartolo li wara giet maqluba, dehret tiehu n-nar."

L-attur xehed li meta hu u Bartolo pparkjaw il-karrozza, telghu hdejn il-bieb tal-knisja u baqghu hemm ghall-inqas tliet kwarti jistennew u ghalhekk mhux minnu li xi nies telghu ghalihom biex izulu minn hemm. Dahlu fil-knisja bil-kwiet meta giet l-gharusa. Huwa esebixxa kopja tal-pagna tnax (12) ta' l-istess harga ta' *l-orizzont* (Dok. AR1) fejn hu u Bartolo jidhru f'ritratt dehlin wara l-gharusa. L-attur kompla jghid li l-inkwiet beda f'dan l-istadju meta twaddbu xi oggetti, inkluzi fniek. Meta dahlu fil-knisja nghalaq il-bieb u baqghu

hemm gew. Il-karrozza ta' Bartolo nharqet meta kienu gewwa l-knisja u kien nghalaq il-bieb.

(3) "Sadattant fl-Isptar waslu Louis Bartolo, Albert Rizzo u ragel iehor f'karrozza vann tal-SAG. Huma dehru johorgu xi haga tawwalija f'forma ta' xi arma tqila, li kienet mghottija b'bicca skura. Din tpoggiet f'ambulanza u dawn it-tlieta dahlu fl-ambulanza u saqu ghal barra l-isptar".

L-attur xehed li waqt li kienu qeghdin il-knisja u giet mahruqa r-Range Rover ta' Bartolo, wara li din intfiet mill-pumpieri huwa mar fuq is-Supretendent George Grech u talbu jibghat xi persuna ghax kellu mazz cwievet fuq id-*dashboard* sabiex ikun jista' jgibhom. Fil-fatt baghtlu 'l xi hadd mieghu u sab ic-cwievet fil-qiegh tar-Range Rover izda billi d-*dashboard* kien tal-*plastic,* dan kien dab bin-nar, sar bicca twila sewda u c-cwievet dahlu u ffurmaw qishom parti minn dan il-*plastic* imdewweb. (ara ritratt Dok. TA1 esebit b'nota fis-seduta quddiem l-assistent gudizzjarju Dr. Saviour Demicoli tal-21 ta' Marzu 1990 a fol. 74/75). Inghata carruta mill-karrozza tal-Prim Ministru jew tal-Vici Prim Ministru biex igezwer dik il-*plastic* u poggiha f'vann tal-SAG. Huma telghu f'dan il-vann li kien se jwassal xi nies feruti l-Isptar u meta waslu hemm ghenu lil tal-SAG inizzlu l-feruti ghal fuq *stretcher*. Wara ttrasferew l-oggett imsemmi ghal go ambulanza li waslithom hdejn il-garaxx ta' l-ambulanzi.

Louis Bartolo xehed fil-15 ta' Marzu 1990. Bazikament ikkonferma dak li xehed l-attur. Huwa qal li hu kien qieghed isuq ir-Range Rover tieghu u meta waslu z-Zejtun flimkien ma' persuna ohra jisimha Johnny u waslu hdejn il-Knisja ltaqghu ma' Freddie "l-Indjan" li saqsihom ghalxiex kienu hemm u qalulu li kienu marru ghat-tieg. Iddikjara li ma saqx b'mod perikoluz u li kien hemm hafna nies. B'ebda mod ma uzaw xi arroganza. Sa dak il-hin li kienu qed

ikellmu lill-“Indjan” ma nqala’ l-ebda incident. Fl-ebda mument ma kellu xi arma fuqu jew xejjer xi arma. Wara li pparkja l-karrozza, marru fuq iz-zuntier tal-Knisja fejn qaghdu bil-kwiet bil-wieqfa. Bl-ebda mod ma ghamlu xi mossi jew insulentaw lil xi hadd. X’hin waslet l-gharusa kien hemm hafna tghajjir u n-nies bdew jitfghulha bajd u fniek mejta. Kif kienet miexja lejn il-Knisja hu u l-attur marru warajha biex jipproteguha u dan b’mod passiv. Meta dahlu fil-Knisja, il-bieb inghalaq. Huwa esebixxa bhala Dok. AR2 kopja ta’ l-ewwel faccata tal-harga ta’ *l-orizzont* tat-3 ta’ Gunju 1989 fejn f’xi ritratti jidhru hu, l-attur u certu John Falzon b’atteggament pacifiku. Waqt li kienu qeghdin fil-Knisja r-Range Rover tieghu nghata n-nar. Meta hareg, mar flimkien ma’ l-attur u xi pulizija hdejn il-karrozza tieghu, li kienet ukoll maqluba la genbha, u sabu c-cwievet ta’ l-attur imwahhlin go bicca *plastic* imdewweb. *Pouch* li kien halla b’xi flus kien inharaq.  Ipprelevaw dik il-blokka *plastic* u talbu lil membru tas-sigurta` tal-Prim Ministru biex ighaddilhom xi carruta biex igezwru dak l-oggett fih, kif fil-fatt ghamel. Meta hargu l-Prim Ministru u Vici Prim Ministru mill-Knisja kien hemm sparar u ntlaqtu xi membri tal-SAG. Hu u l-attur haduhom f’vann tal-SAG u dahlu maghhom u hadu maghhom dak il-*plastic* imdewweb. Mill-Isptar, wara li kienu ghenu lill-feruti biex jiddahhlu l-Isptar, talbu *attendant* ta’ l-ambulanzi biex iwassalhom sal-garaxx ta’ l-ambulanzi biex ikunu jistghu jcemplu lil xi hadd halli jigi ghalihom hemm. Huwa tenna li fiz-Zejtun fl-ebda mument ma uzaw mod aggressiv, qatt ma kienu armati u qatt ma kienu ostili u li hu la saq b’mod perikoluz u lanqas xejjer xi arma.

Fid-19 ta’ April 1999 xehed Paul Abdilla, missier l-gharusa, li kkonferma li kien stieden lill-attur u lil Louis Bartolo ghat-tieg. Huwa spjega li meta wasal mat-tifla tieghu permezz ta’ karrozzella lejn il-Knisja, l-ewwel giet daqqa ta’ bajda fuq it-tifla mbaghad daqqa ta’ fenek. Kif nizzel saqajh ma’ l-art beda gej minn kollox, bajd, fniek u anke fliexken, fosthom flixkun tal-birra mimli li laqtu

fuq spaltu u weggghu hafna, tant li ghadu jbati bir-rih taghha. Hu pogga idejh fuq dahar it-tifla biex jipprova jilqaghlha u jahseb li kien hemm persuni ohra li ghenu biex jilqghu l-affarijiet li kienu qed jigu mwaddbin lejhom u dahlu jigru b'kemm jistghu lejn il-Knisja ghall-kenn.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

Fil-kawza fl-ismijiet **Vincent Borg vs Victor Camilleri et**, deciza fil-15 ta' Novembru 1994 (Vol. LXXVIII.ii.372), l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell qalet li *"r-restrizzjonijiet li taghmel il-ligi ta' l-Istampa (Kap 248) ghandhom jigu interpretati fid-dawl ta' l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fl-isfond ta' l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif dan jigi interpretat fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani. Dana l-izvilupp fis-sistema legali taghna huwa zvilupp sinifikanti hafna ghal pajjizna billi ma jistax ma jkollux l-effett li jwessa' d-dritt ta' espressjoni. Madanakollu, b'dana l-izvilupp essenzjali, l-istampa ma nghatax ebda passaport ta' immunita`, billi tibqa' dejjem il-htiega li jinzamm sens ta' proporzjon bejn il-liberta` ta' espressjoni u c-censura tal-malafama. Dejjem jinhtieg li jinzamm bilanc bejn il-bzonn li f'socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti ghal-liberta` li wiehed jikkritika u li jsemma' l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur u l-isem tajjeb, li kull persuna f'socjeta` demokratika ghandha kull dritt li tgawdi".*

Sabiex wiehed jiddetermina jekk id-dritt li wiehed jipprotegi r-reputazzjoni tieghu giex mittiefes, wiehed irid ihares *oggettivament* lejn il-kitba *de quo* b''od li wiehed jara x'fehem qarrej ta' intelligenza ordinarja hu u jaqra dak l-artikolu (**Dr. Tonio Azzopardi vs Dr. Alfred Sant et noe**, Qorti ta' l-Appell, 30 ta' Marzu 1998).

Fil-kawza fl-ismijiet **Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta (N.A.) fid-19 ta' Jannar 1996 intqal:

*"Il-linja medjana fejn proprju d-dritt ta' espressjoni libera teccedi lil dik ragonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor, huwa proprju ... fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq fatti skorretti. F'dan il-kaz jonqos il-professjonalizmu u l-istharrig serju u minflok jidher generalizmu ibbazat fuq allegazzjonijiet u ajdut li ma jirrispekkjawx il-fatti".*

Dan il-principju gie wkoll ikkonfermat fis-sentenzi fl-ismijiet **Onor. Josepf Bonnici vs Joe Chetcuti et** (Citaz. Nru. 1543/96/NA) deciza fis-26 ta' Marzu 1999 u **Rev. Mons. Dr. Joe Vella Gauci vs Ray Bugeja** (Citaz. Nru. 2763/96/NA) deciza fit-22 ta' Marzu 1999.

Konsistenti ma' dan il-principju jsegwi li kemm-il darba l-fatti hemm allegati ma jirrizultawx li huma veri, allura dak li hemm fihom addebitat lill-attur huma fatti ingurjuzi ghall-ahhar. Hekk fil-kawza fl-ismijiet **Edgar Bonnici Cachia vs Dr. Michael Frendo et noe** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' April 1989 (Vol. LXXIII.ii.792) intqal:

*"Il-Qorti tikkomprendi l-bzonn li jkun hawn stampa hielsa u tifhem ukoll li notizzi ta' certu 'hoss' ma jistghux ma jixxandrux. Min-naha l-ohra, il-Qorti qatt ma kellha, u ma jistax ikollha, simpatija ma kitbiet li 'jhammgu' gravament ir-reputazzjoni personali ta' bniedem ... minghajr ma jkollu l-fatti riprodotti b'mod li jirrispekkjaw il-verita`".*

Tirreferi wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Onor. Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Gunju 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Onor. Segretarju Parlamentari Joseph**

**Fenech vs Evarist Bartolo bhala editur tal-gazzetta Il-Helsien** fejn gie ritenut li allegazzjoni ta' fatt mhux necessarjament tinkiteb espressament u hija sufficjenti l-konkluzjoni li l-qarrej ordinarju jasal ghaliha minn dak li jigi insinwat fl-artikolu.

**Konsiderazzjonijiet**

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta mill-provi prodotti li gew attribwiti lill-attur numru ta' allegati fatti serjissimi li dwarhom il-konvenuti ma gabu l-ebda prova. Anzi ta' min josserva li l-konvenuti personalment ma dehru qatt ghas-seduti mizmuma mill-assistenti gudizzjarji biex iressqu xi provi. Da parti tieghu l-attur mhux biss cahad dawk il-fatti attribwiti lilu izda ressaq provi in korroborazzjoni tax-xiehda tieghu u dawn juru li ma kien hemm l-ebda provokazzjoni da parti tieghu  li setghet tikkawza l-incidenti li sehhew. Parti minn din il-korroborazzjoni tirrizulta minn ritratti li dehru fil-harga ta' *l-orizzont* stess tat-3 ta' Gunju 1989 kif ser jigi spjegat.

Fil-harga tas-6 ta' Gunju 1989 jinghad li fis-7.15 p.m. waslet il-parilja ta' l-gharusa u li l-gharusa u missierha gew ibbuwjati mill-folla u anke gew issuttati b'xi affarijiet zghar. L-gharusa u missierha dahlu l-Knisja u xi nies dahlu warajhom u l-bieb inghalaq. Imbaghad jinghad li fis-7.30 p.m. waslet ir-Range Rover li fiha kien hemm l-attur u Louis Bartolo. Pero` f'pagna 12 tal-harga ta' *l-orizzont* tat-3 ta' Gunju 1989 (Dok. AR1) l-attur u Bartolo jidhru dehlin il-Knisja <u>wara</u> l-gharusa u missierha. Jigifieri huma kienu diga` fil-post meta waslet l-gharusa. L-istess rapport jikkonferma t-tfigh ta' oggetti lejn l-gharusa u missierha.

L-istess rapport tas-6 ta' Gunju 1989 ighid li meta waslet r-Range Rover din giet misjuqa "b'certu arroganza". Ir-rapport ma jsemmix min kien qed isuq. Kif

jirrizulta mill-provi r-Range Rover kienet qed tinsaq minn Bartolo u kemm hu kif ukoll l-attur cahdu li kienet qed tinsaq b'arroganza jew b'xi mod perikoluz u ma gewx kontradetti. Ir-rapport imbaghad jirreferi ghall-oggezzjoni li l-folla sabet ghall-prezenza ta' Bartolo u li telghet ghalih u ghall-attur biex izulu minn hemm, li dawn dahlu fil-Knisja u li l-folla rreagixxiet billi attakkaw il-karrozza ta' Bartolo. L-artikolist jaghti lill-qarrej x'jifhem li kien hemm provokazzjoni da parti ta' l-attur u Bartolo bis-sewqan taghhom u bil-prezenza taghhom fuq iz-zuntier. Mill-banda l-ohra l-provi juru l-kuntrarju, li ma kienx hemm is-sewqan lilhom attribwit u li l-atteggament taghhom kien wiehed pacifiku u kienet il-folla li kienet minaccjanti u ostili.

Imbaghad ghal dak li jirrigwarda dik il-parti tar-rapport li tirreferi ghal meta waslu l-Isptar u hargu mill-vann tal-SAG xi haga tawwalija f'forma ta' xi arma tqila, l-artikolist qieghed hawn jimplika li l-attur u Bartolo kellhom arma fil-pussess taghhom, allegazzjoni serja hafna aktar u aktar meta wiehed jikkunsidra li l-istess artikolu jaghmel diversi riferenzi ghal sparar u sahansitra fil-harga tat-3 ta' Gunju 1989 f'pagna 12 (Dok. AR1) kien diga` nkiteb li "skond nies li kienu vicin deher (Bartolo) ixejjer arma tan-nar lejn il-folla". Minn dan kollu l-konvenuti ma ppruvaw xejn u l-allegazzjoni msemmija giet imxejna mill-provi ta' l-attur.

Ghaldaqstant l-azzjoni attrici tirrizulta ppruvata u hija gustifikata, u ssib li l-artikolu huwa malafamanti fil-konfront ta' l-attur.

**Likwidazzjoni**

Din il-kawza saret kontra Felix Agius bhala editur u Harold Walls bhala stampatur ta' *l-orizzont*. Fis-seduta tad-9 ta' Lulju 1991 Gaetano Degabriele, rapprezentant tal-Press Registrar, ikkonferma li f'Gunju 1989 effettivament

Felix Agius kien editur u Harold Walls l-istampatur. Fl-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti jghidu li Harold Walls ma qarax il-kitba qabel stampata. Pero` mbaghad fid-dikjarazzjoni guramentata, li giet ikkonfermata mill-konvenut Felix Agius, ma jintqal xejn. Ghalhekk, u in vista tal-fatt li l-konvenuti ma ressqux provi, dik l-eccezzjoni ma tirrizultax.

Jigi osservat li l-attur xehed li wara l-artikolu f'*l-orizzont* tat-3 ta' Gunju 1989 u rapport iehor fil-harga ta' *It-Torca* ta' l-4 ta' Gunju 1989, hu u Bartolo ghamlu stqarrija li l-attur stess ikkonsenja b'idejh fil-Union Press. Sussegwentement huwa kellem lill-editur il-konvenut Felix Agius u dan qallu li kien ikkonsulta lill-avukat taghhom u ma kinux ser jippubblikaw dik l-istqarrija. Effettivament ghalhekk jirrizulta li ma saret l-ebda rettifika.

Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz id-danni a tenur tal-Ligi ta' l-Istampa qeghdin konsegwentement jigu likwidati fis-somma ta' sitt mitt liri Maltin (Lm600) li jithallsu kwantu ghal tliet mitt liri Maltin (Lm300) kull wiehed mill-konvenuti.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici, u ghalhekk:

(1) tiddikjara li l-konvenuti taw malafama lill-attur bl-istampar fuq imsemmi li ghandu l-iskop li jtellef jew inaqqas l-istima tieghu mal-pubbliku,
(2) tikkundannahom ihallsu lill-attur is-somma ta' tliet mitt liri Maltin (Lm300) kull wiehed minnhom bhala danni ghall-malafama li nghatat lill-attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF**

**DR. DAVID SCICLUNA** **D/REGISTRATUR**